**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 72 – L-ERBGĦA 25 TA' APRIL 2018**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Clinton Sammut | Viċi Sindku (wasal fis-17.40) |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier (wasal fil-17.35) |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| Skużati: | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segratarju Eżekuttiv |
| | Louise Mallia | Skrivana |

**NUQQAS TA' QUORUM:**

Peress li fil-5.30pm ma kienx hemm il-*quorum* meħtieġ, il-laqgħa ma setgħetx tibda qabel wasal il-Kunsillier Agius fis-5.35pm.

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1. Is-SE informa li rċieva *emails* mingħand il-Kunsillieri Brincat u Galea li taw raġunijiet talli ma jistgħux jattendu.

1.2. Il-Kunsillier Spiteri informa lis-SE li kien se jasal tard.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti.

2.2. Il-Kunsilliera Cuomo pproponiet u l-Kunsillier Gatt issekonda l-approvazzjoni tal-minuti. Wara konsiderazzjoni, dawn ġew approvati *nem con* u ffirmati mis-Sindku u mis-SE

**3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

3.1. Is-Sindku kellha laqgħa mas-Sur Nazzareno Vassallo fis-6 ta' April, rigward il-*Planning Gain* abbinat mal-proġett tal-Industrial park u liema fondi kien hemm ħsieb li jkunu investiti fuq park f'Tal-Wej. Madanakollu, billi l-parti kbira tal-Wej tagħmel mal-Mosta, dan il-ħsieb kien skartat u d-diskussjoni daret fuq il-ġnien maħsub għal Triq tal-Labour. Għandha ssir laqgħa mal-konsulenti biex jaraw x'irid isir biex wara jkun hemm konsultazzjoni mar-residenti bl-informazzjoni.

3.2. Fl-10 ta' April, is-Sindku flimkien mal-Kunsillier Galea, kella laqgħa mal-Prim Ministru u l-OASI dwar ir-rapport tal-konferenza fuq id-droga-"Illum jien u għada int".

3.3. Dwar it-trasport tal-lokalità, is-Sindku infurmat li diġà hemm 9 *sponsors* li jinkludu: Palazzo Parisio; Elizir; Hilltop; Paul Xuereb (Hard Rocks); Miracle Foods; Maypole; Valyou; Scotts u Impressions li se jagħmlulna d-disinn u l-i*stickers.* Jidher li se jkollns wkoll żewġ xufiera. Dan it-trasport għandu jservi biex jgħin lin-negozju u jnaqqas it-traffiku u l-parkeġġ miċ-ċentru. Dan għalissa se jkun bi prova u hu approvat mill-Ministeru tat-Trasport. It-trasport se jkun bla ħlas u bla skeda. Is-sistema ta' kif se jitħaddem għad trid tiġi maħduma (eż: limiti ta' ħinijiet, prijoritajiet eċċ).

3.4. Saru s-17.40 u f'dan il-ħin wasal il-Viċi-Sindku.

3.5. Is-Sindku rċeviet korrispondenza mingħand Vania Vera minn *Municipal Waste Europe*. Hawn qassmet kopji lill-kunsilliera għall-informazzjoni tagħhom.

3.6. Irċeviet ringrazzjament mingħand Dr Michael Farrugia għas-solidarjetà murija miegħu għat-telfa t'ommu.

3.7. Ringrazzjament ieħor wasal mingħand l-ex Kunsilliera Pauline Miceli għas-solidarjetà murija magħha wara t-telfa ta' żewġha.

3.8. Fis-17 ta' April, is-Sindku kellha laqgħa ma' SOS Malta fil-Hilltop Gardens, u tkellmu dwar propsta għal proġett *Intergenerational*.

3.9. Fl-24 ta' April, flimkien mas-SE u rappreżentanti ta' OASI kellha laqgħa mal-ET l-Arċisqof Scicluna fejn kien ippreżentat ir-rapport tal-konferenza fuq id-droga-"Illum jien u għada int".

3.10. Fil-25 ta' April, is-Sindku kienet mistiedna għal kommemorazzjoni ta' Jum ANZAC għand l-*Australian High Commissioner*, l-ET Julienne Hince.

3.11. Is-Sindku infurmat li qed tipprova tagħmel appuntament mal-Onor. Josè Herrera.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1. Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI

5.1. Is-SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti, skeda ta' dħul, skeda ta' ordnijiet u skeda ta' infiq mill-petty cash.

5.2. Il-Kunsill approva (*nem con*) ir-rapporti wara li pproponiet l-Kunsilliera Cuomo u ssekonda l-Kunsillier Agius.

5.3. L-iskedi msemmija huma annessi f'A.

## 6. RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-FINANZI

6.1. Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret fl-24 ta' April 2018. Is-Sindku pproponiet u l-Kunsillier Gatt issekonda biex ġew approvati mill-Kunsill *nem con*. Kopja annessa f'B.

## 7. RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-ILMENTI

7.1. Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-ilmenti.

7.2. Dwar ilment b'rif 7167, il-Kunsillier Gatt issuġġerixxa li jkun hemm kjarifika ta' x'jiddefinixxi "*heavy vehicles*" minn TM. Jekk ikun hemm bżonn terġa tiġi diskussa wara li jkollhom iżjed informazzjoni.

7.3. Ir-rapport ġie approvat wara li kien hemm qbil fuq dan il-punt. Kopja annessa f'Ċ.

**8. RAPPORT FINANZJARJU VERIFIKAT**

8.1. Is-SE informa li kienu saru xi aġġustamenti mill-awdituri, bażikament xi riklassifikazzjoni ta' figuri. L-akbar differenza kienet fl-*accrued income,* li jinvolvi *fees for waste.* Is-SE reġa ippreżenta xi tibdil li għamel l-*accountant* biex jerġa jiġi approvat mill-awdituri.

8.2. Ir-rapport kien approvat mill-Kunsill (*nem com*) wara li pproponiet is-Sindku u ssekonda l-Kunsillier Sciberras.

**9. RAPPORT MILL-KUMITAT TA' BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

9.1. Il-Kunsilliera Cuomo semmiet il-laqgħa tal-kumitat li saret fl-24 ta'April. Waqt il-laqgħa kien propost *dog park* f' Baħar iċ-Ċagħaq, għandu jkun hemm diskussjonijiet dwar dan mal-*Lands Authority.*

9.2. Fl-istess laqgħa kienet diskussa l-entratura ta' Baħar iċ-Ċagħaq, inkluż il-parkeġġ u l-użu tal-art li qabel kienet assenjata lill-i*Scouts.*

**10. TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

10.1. Il-laqgħa fi tmiemha fis-18.10 u d-data magħżula għas-seduta li jmiss hija nhar il-Ħamis 24 ta' Mejju.

10.2. Sa dan il-ħin il-Kunsillier Spiteri kien għadu ma wasalx filwaqt li s-Sindku ikkuntattjatu biex tinfurmah li l-laqgħa spiċċat ħalli ma jiġi għalxejn.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |